# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 15 IT-TLIETA, IL-15 TA' ĠUNJU, 1943. Nru. 15


# KELMTEJN MILL-EDITUR

## IL-QAGHDA TAGHNA

BOSTA mill-bdiewa għad ma fehmux sewwa x'inhi l-qagħda tal-bidwi f'din il-Gwerra u d-dmirijiet qawwija li hu għandu jaqdi bħala sehem li għandu jieħu f'din il-gwerra għall-ġid u għat-trijonf tal-Gżejjer tagħna.

Kull ċittadin f'din il-gwerra kien jiħtieġlu jagħmel sehem mill-għieda l-kbira biex tintrebaħ il-gwerra. Min qiegħed jagħmel xogħol essenzjali fil-fabbriki u min qiegħed jagħmel xogħol ieħor fit-taqbid mal-għadu. It-tmexxija tal-gwerra hi sewwa sew bħal makna li l-bċejjeċ tagħha kollha jagħmlu xi xogħol — xi roti u bċejjeċ oħra jagħmlu xogħol qawwi u oħrajn inqas, imma kull biċċa ta' dik il-makna hi meħtieġa biex jitmexxa x-xogħol kollu tagħha. F'din il-ġlieda għandna l-istess ħaġa. Min qiegħed quddiemnett fit-taqbida — bħal ma huma s suldati, in-nies ta' l-ajru u n-nies tal-baħar— u min qiegħed f'sengħat oħra jlesti l-affarijiet meħtieġa għal min qiegħed jiġġieled. Il-bidwi messu x-xogħol li flok jaħdem munizzjon tal-gwerra, bħalma huma bombi u ħwejjeġ hekk, qiegħed jaħdem biex jipproduċi l-affarijiet ta' l-ikel li huma wkoll munizzjonijiet xejn inqas meħtiġin għall-gwerra.

Bħalma jiġri fil-munizzjon tal-gwerra hekk ukoll jiġri fil-ħwejjeġ l-oħra kollha kif ukoll fil-prodotti tal-biedja. Biex il-gwerra timxi sewwa l-Gvern jieħu f'idejh il-produzzjoni tal-industrji kollha, u jkollu minn żmien għal żmien jiddetta x'ikun jinħtieġ li wieħed jagħmel. F'mumenti jista' jkun hemm bżonn ajruplani, u f'mumenti oħra bombi jew ħwejjeġ oħra bħal dawn. Il-bieraħ seta' kien hemm bżonn ta' ħaġa, u l-lum ta' xi ħaġ'oħra differenti. Fil-biedja hi l-istess ħaġa. Għalhekk il-Gvern jiħtieġlu li jaddatta ruħu għal dak li jkun hemm bżonn.

Sikkatura ftit jew wisq ikollu kulħadd u kulħadd ikollu jsofri dik is-sikkatura bil-paċenzja u bil-patrijottiżmu li jiħtieġ! Fi żmien il-gwerra ħadd ma għandu jaħseb fl-interessi tiegħu personali, iżda fl-interessi kollettivi tal-pajjiż.

Kultant forsi ssib xi wieħed igħidlek: "Jien ma rridx nagħti l-qamħ lill-Gvern għax irridu għalija u għall-familja," jew inkella, "ix-xgħir irrid nitimgħu lill-bhima tiegħi." Kif qatt jista' l-Gvern iħallik titma' lill-bhima tiegħek dak li jiħtieġ għall-bnedmin? Il-bidwi jaħdem sigħat iżjed minn ħadd-ieħor u għalhekk ikollu xi ftit ħobż iżjed minn ħadd-ieħor sa fejn jista' jkun, imma jiħtieġ li kulħadd jaqsam bħall-aħwa, mhux għax wieħed jipproduċi l-qamħ hu għandu jippretendi li jżomm il-qamħ kollu tiegħu u minn fuq irid ukoll miegħu ħwejjeġ oħra li jinġiebu f'pajjiżna bil-"convoys", b'sogru u sagrifiċċju kbir tal-ħajja ta' eluf ta' nies!

Hemm bosta baħrin, Maltin, Ingliżi u ta' nazzjonijiet oħra li jissugraw ħajjithom biex lilna jwasslulna ż-żejt, is-sapun, il-pitrolju u ħwejjeġ oħra meħtieġa! X'konna nagħmlu kieku kull wieħed minn dawn kien ikun irid iżomm għalih dak kollu li jissogra ħajtu għalih?

Mela meta niltaqgħu ma' xi wieħed li jaħseb biss fih innifsu, aħna ta' rġiel li aħna, għandna nfakkruh f'dawk in-nies li jinsabu f'qiegħ il-baħar għalina, li kienu ħallew warajhom lil marthom u lil uliedhom biex iwassluha fl-ixtut tagħna l-bżonnijiet tal-ħajja li minnhom ma kenniex. Infakkruh kemm hawn nisa romol u tfal iltiema għax missierhom jinstab f'qiegħ il-baħar talli wassal lilna l-"convoys" li konna ninħtieġu! Inqisu li ma nħallux lil xi ħadd, li Alla jaf ikollux quddiem għajnejh l-interess ta' pajjiżu jew ta' pajjiż ħaddieħor, idawwarna bi kliem fieragħ. Aħna għandna nagħmlu sehemna u naħdmu għal pajjiżna u għal nies oħra bħalma oħrajn jaħdmu għalina. Inkunu rġiel!

: x :

## INWISSU LIT-TFAL!

### IL-BOMBI ŻGHAR

**Dan l-aħħar konna ta' sikwit naqraw fil-ġurnali illi xi tfal korrew jew mietu għaliex sabu fl-art xi bombi żgħar jew ukoll xi balal bħal skrateċ, u qagħdu jilagħbu bihom. It-tfal ftit jew xejn iħabblu rashom jaqraw il-gazzetti, u għalhekk hu dmir tal-ġenituri kollha, kif ukoll tas-surmastrijiet ta' l-iskola u ta' dawk kollha li jgħallmu jew jiltaqgħu b'xi mod mat-tfal l-iżjed fil-kampanja li jwissuhom, igħallmuhom, u jisħqu dejjem fuqhom biex jekk isibu xi ħaġa fl-art, tkun xi tkun, ma jmissuhiex! Illi l-għadu jiġi fuqna jagħmel "raids" u joqtol lil niesna meta aħna ma nkunux nistgħu nagħmlu ieħor hi ħaġa li tagħha ma jista' jlumna ħadd—imma li jiġru inċidenti u disgrazzji hekk koroh fuq it-tfal wara dan iż-żmien kollu li kien ilu ma jkollna 'raids' meta aħna għandna kull xorta ta' esperjenza tal-għadu, u meta nafu li bombi żgħar intefgħu bil-gzuz, din hija bla dubju ta' xejn traskuraġni u ħtija ta' bosta ġenituri li ma jħabblux rashom biex iwissu lil uliedhom, lil sħab uliedhom u lit-tfal kollha biex jużaw il-għaqal u ma jerfgħu xejn mill-art, iżda wkoll li fejn jaraw xi ħaġa suspettuża għandhom jirrappurtaw lill-Pulizija. Jien irrid ngħid li bosta ġenituri u surmastrijiet ta' tfal gà wissew bosta drabi lit-tfal ta' l-iskola, iżda d-disgrazzji li ġraw juru li jinħtieġ li wieħed iwissihom mill-ġdid u b'wisq iżjed qawwa u ħrara. La tħallux li aħna stess ngħinu lill-għadu bit-traskuraġni tagħna!**

## IT-TQASSIM TAR-RABA' FI BĊEJJEĊ TA' ARTIJIET

IL-BDIEWA, bħal bosta nies oħra, jidhrilhom li l-aħjar mezz li jimpjegaw flushom huwa fix-xiri ta' proprjetà immobili, jiġifieri f'bini jew raba'; ix-xiri tar-raba' jippreferuh iżjed mill-bini. Sa ħawnhekk, il-bdiewa juru li huma nies tal-għaqal, imma l-gwaj jibda meta din il-proprjetà tintiret u titqassam: id-drawwa hi li jekk hemm sitt itfal u l-missier iħalli sitt għelieqi, tnejn, ngħidu aħna fil-wied, u tnejn oħra bogħod mir-raħal, u tnejn oħra qrib ir-raħal, kull wieħed mill-werrieta jippretendi porzjon minn kull għalqa, u għalhekk insibu li l-lum wasalna f'dik il-bluha jew ħaġa ta' mingħajr sens li r-raba' ta' Malta u Għawdex jitqassam f'biċċiet żgħar ferm li huwa kontra l-prinċipju ta' kull koltivazzjoni. F'pajjiżi oħra jidhru li ntebħu fil-waqt kemm dan it-tqassim ta' raba' huwa ta' ħsara għall-biedja, għalhekk bis-saħħa ta' liġijiet ma ħallewx iżjed li l-art titqassam meta l-għalqa hija żgħira. Nittamaw li 'l quddiem isiru hawnhekk ukoll xi liġijiet bil-ħsieb li tieqaf din il-għada.

Il-lum jinsabu bosta bdiewa li għandhom ir-raba' tagħhom imxerred f'xi sitta jew tmien bnadi, ħaġa li ma hi ta' ebda fejda, la għalihom u lanqas għall-biedja. Qatt wieħed għamel il-kont kemm jaħli żmien biex kull darba jasal sa l-għalqa tiegħu mid-dar?—Qatt wieħed għamel il-kont kemm telf ta' żmien jiswielu biex jaħrat għelieqi żgħar kollha kantunieri, u kemm jiffranka żmien kieku dawn l-għelieqi kollha kienu flimkien jagħmlu maktur wieħed?—Qatt wieħed ħaseb it-telf ta' żmien li jaħli biex iġorr demel f'għelieqi mxerrda?—Qatt wieħed ġieb quddiem għajnejh iż-żmien li jitlef biex iġorr il-prodotti?—Qatt wieħed ħaseb kemm hija ħaġa, biex ingħidu hekk, impossibbli, li jindokra sewwa l-prodotti mxerrdin mal-għelieqi kollha tiegħu?—Naħsbu li qajla dak li jkun igħaddilu minn rasu li joqgħod jikkalkula dan kollu. Jekk wieħed joqgħod jagħmel dawn il-kalkli għandu jsib li ż-żmien li jitlef huwa ta' bosta sigħat li f'sena jagħmlu ġimgħat u xhur.

Aħna nafu li kważi l-bdiewa kollha fi żmien il-paċi ma jistgħux iqabbdu ħaddiema fir-raba' għaliex il-prodotti ftit iħallu qligħ u jekk iħaddmu n-nies il-profitti jikluhom huma; fi żmien il-gwerra, meta l-prodotti huma mħallsin tajjeb ferm, il-bidwi ma jsibx nies biex iqabbadhom igħinuh. Għalhekk, għal raġuni jew oħra, il-bidwi, taħt kull ċirkustanza, ikollu jaħdem ir-raba' bla għajnuna ta' barranin. Jekk wieħed joqgħod iqis dan, għandu dlonk jara li din hija raġuni biżżejjed biex il-bidwi ma jaħlix iż-żmien tiegħu f'ġiri żejjed sabiex ikun jista' jagħti ż-żmien tiegħu kollu ta' ma' tul il-ġurnata għax-xogħol tar-raba' li *għandu jkun magħmul sewwa u kif trid is-sengħa*. Ngħidu xogħol tar-raba' li *għandu jkun magħmul sewwa u kif trid is-sengħa* għax bosta bdiewa tarahom jiżirgħu s-silla, u meta t'inbet, għalavolja jkollha bżonn ta' naqja, ma jagħmluhiex; il-patata ma jħaxxnuhiex, is-siġar tal-frott ma jiżbruhomx; il-mogħdijiet tar-raba' ma jsirux jew ma jsirux fil-ħin; il-bhejjem u l-mqawel ma titteħidx kura tagħhom u lanqas ma jitnaddfu (meta nafu li l-bhejjem jagħmlu ħaġa waħda mar-raba') u tant xogħlijiet oħra li jmisshom isiru, imma ħadd ma jagħti kashom għaliex il-bidwi jgħidlek li ma għandux żmien biżżejjed biex jilħaq magħhom. Tassew li m'għandux żmien, imma r-raġuni ewlenija hija li r-raba' tiegħu mxerred u għalhekk għandu ħafna telf ta' żmien.

Dan ir-raġunament jġagħlna naħsbu wkoll fi bżonn ieħor li hu dak illi l-bidwi, fl-interess tal-biedja, għandu bżonn igħix fir-razzett u mhux fir-raħal. Tant huwa ta' ħtieġa u jaqbel għall-biedja illi l-bidwi jgħix fir-razzett illi, f'xi pajjiż, lil sid ir-raba' li jibni razzett fejn il-bidwi jkun jista' jgħammar bil-familja, il-Gvern iħallaslu il-ħamsin fil-mija ta' l-ispejjeż li jkun għamel, jiġifieri jekk ir-razzett ikun sewa £100, il-Gvern iħallas £50 minnhom. Dan juri kemm hu tassew importanti illi mar-raba' li jaħdem il-bidwi jkun hemm ukoll razzett biex fih ikun jista' jgħammar il-bidwi bil-familja tiegħu. Dan il-bżonn hawn Malta ma hux tant qawwi daqs kemm f'pajjiżi oħra, il-għaliex pajjiżna żgħir, imma hemm dejjem il-vantaġġ illi l-bidwi, meta mar-raba' jkollu razzett fejn jista' jgħix, ikun qed inaqqas mit-telf ta' żmien u b'hekk ikun jista' jilħaq mal-bżonnijiet tar-raba' u jieħu ħsieb iżjed tal-bhejjem tiegħu.

Dan li semmejna fuq ir-raba' li jintiret u jitqassam fost il-werrieta jgħodd ukoll għar-raba' tal-Gvern. Meta jmut il-missier kull wieħed mill-ulied jippretendi li jqabbel porzjon bil-konsegwenzi li semmejna. Għalhekk jaħtieġ li l-bidwi jrabbi l-għaqal għall-interess tiegħu u tal-biedja ta' pajjiżu, ineħħi l-pika ma' qrabatu, jiftiehem ma' l-aħwa fuq l-egħlieqi li jirtu u ma għandhom qatt jaqtgħu l-kwistjonijiet billi jaqsmu r-raba' fi bċejjeċ ta' artijiet bejniethom, ukoll jekk jagħti l-kas li wieħed jieħu flus flok raba'.

It-tqassim tar-raba' fi bċejjeċ żgħar huwa ta' svantaġġ hekk kbir għall-biedja ta' pajjiż u għall-bidwi stess li, kif diġà għedna, gvernijiet oħra ħassew il-bżonn li jagħmlu liġijiet biex dan ma jkunx jista' jsir. Oqogħdu aħsbuha ftit u taraw li għalkemm qatt ma tajtu kas ta' din il-ħaġa, huwa xieraq ħafna li l-ewwelnett l-aħwa, u mbagħad dawk li għandhom ir-raba' tagħhom imiss ma' ta' ħaddieħor, jirranġaw bil-kelma t-tajba fuq it-trasferiment tar-raba' sabiex kemm jista' jkun igħaqqdu f'għalqa waħda u banda waħda l-proprjetà tagħhom u b'hekk ikollhom il-vantaġġi kollha tal-proprjetà magħquda, vantaġġi li semmejna ftit minnhom f'dan l-artiklu.

## JEĦTIEĠ INKOMPLU NAGĦMLU SEĦEMNA!

Aħna l-bdiewa kollha ta' Malta u Għawdex jiħtieġ li nkomplu nagħmlu seħemna sewwa f'din il-ġlieda tal-libertà.

Jiħtieġ li aħna bħala bdiewa u bħala Maltin u Għawdxin ma nitilfux dak kollu li għamilna waqt it-tieni assedju kbir ta' din il-Gżira. Isem Malta hu miktub fil-fond f'paġna tad-deheb fl-istorja tad-dinja, fil-ġlieda iebsa tal-libertà, u fit-taqbid għall-ħelsien ta' l-Ewropa! Malta ħadet sehem kbir fil-ħelsien ta' l-Eġittu minn idejn il-għadu u fir-rebħ u ħelsien tal-Affrika. Mela jiħtieġ inkunu bil-għaqal f'kollox biex nistgħu ngawdu s-sehem li jixirqilna minn dak ir-rebħ.

Kultant niltaqgħu ma xi wħud, fil-karrozzi jew fil-pjazez, li xogħlhom ma hux ħaġ'oħra ħlief li jitħaddtu kontra din jew dik l-awtorità. Xogħlhom mindu jisbaħ sa kemm jidlam ma hux ħlief ta' tgemgim kontra ħaġa jew kontra oħra. Fid-dinja ssib nies li jkollhom minsuġ f'demmhom din id-drawwa li jgorru—fis-sajf għax is-sħana, fix-xitwa għax il-kesħa, — u hekk jgħixu ħajja ta' nkwiet għax ma drawx iħarsu lejn is-sabiħ tal-ħajja. Meta kont żgħir kont inħobb naqra l-kotba ta' Lord Avebury, u fi ktieb tiegħu, imsejjaħ "L-użu tal-ħajja" (*The use of life*), sibt biċċa li baqgħet dejjem stampata quddiem għajnejja. Din tgħid hekk: "*Meta l-mewġ imqalleb tal-ħajja jibda*
"*jħabbtek bl-ikrah, meta l-kuraġġ jitilqek u taħseb li għa-*
"*lik hu kollox mitluf, aħseb fil-grazzji kollha li għandek,*
"*għoddhom waħda waħda, u inti tistagħġeb kemm kien*
"*ħanin Alla miegħek.*"

Insomma, nies li minnhom iħobbu jgorru ma nistgħux nagħmlu ħaġ'oħra ħlief nitħassruhom. Imma għandna noqogħdu attenti minn oħrajn li ħsiebhom ma jkunx ħlief dak li jaqilgħu l-inkwiet. Inti malajr tista' tinduna humiex nies minn ta' l-ewwel jew minn tat-tieni klassi li għadni kif semmejt. Dan tista' tagħmlu billi tagħti daqqa ta' għajn lura, lejn il-ftit xhur qabel ma bdiet il-gwerra, u tara jekk humiex minn dik il-kumpannija li kienu dejjem iduru magħna u jippruvaw jipperswaduna illi jekk l-Italja tidħol fil-gwerra fuq pajjiżna titfa' fjuri u mhux bombi! Aħna l-fjuri tat-Taljani doqniehom u doqniehom ftit sigħat wara li iddikjarat il-gwerra kontra l-Ingilterra! Mela ma' dawn il-"*quislings*" għandna dejjem inġibu ruħna bħal kelb mismut, biex ma naqgħux fix-xibka tagħhom. Bħala bdiewa u bħala Maltin u Għawdix inkomplu nagħmlu dmirna biex wara l-Gwerra ingawdu l-frott tat-tbatijiet tagħna u nkunu nistgħu ngħixu hienja u mingħajr ma nħammru wiċċna, għaliex ta' rġiel u patrijotti li aħna nkunu żejjinna l-istorja ta' din il-"*Gżira tal-George Cross*" b'paġna glorjuża miktuba b'ittri tad-deheb, li wliedna u wlied uliedna għad igawdu għal bosta sekli sewwa sew bħalma gawdejna aħna l-ġieħ li kienu kisbu għalina missirijietna fl-Ewwel Assedju ta' Malta tal-1565!

# 'L HAWN U 'L HINN FUQ IL-BIEDJA

## Koltivazzjoni tat-Tadam u ta' Prodotti oħra

IL-BDIEWA wiegħbu tajjeb għas-sistema ġdida tal-koltivazzjoni tat-tadam. Huma fehmu tajjeb kemm jaqbel li wieħed jiżgura l-prezz fiss ta' millinqas biċċa mill-prodott tagħhom: huma raw ukoll illi l-prezzijiet għolja tal-lum tal-ħaxix ma jistgħux jibqgħu għal dejjem u li f'Malta u Għawdex jaħtieġ li tidħol xi sistema biex wieħed iqassam sewwa l-bċeejjeċ tar-raba' għall-koltivazzjoni tal-ħaxix, kemm-il-darba ma rridux li narġgħu naqgħu għal dawk il-metodi ħiżena ta' qabel il-gwerra. Kull bidwi jaf dak li soltu kien jiġri fi żmien il-paċi—sena kien kun hawn iktarx skarsizza ta' tewm jew ta' xi prodott ieħor u s-sena ta' wara kien ikun hawn prodotti bil-mijiet ta' qnatar iżjed u b'hekk il-prezzijiet kienu jitbaxxew u jisfgħu fix-xejn.

## Il-Fejda tal-Kuntratti tal-Koltivazzjoni tal-Prodotti

B'riħet is-sistema ta' kuntratti li tilħaq għallinqas ma' l-iċken provvista ta' ħxejjex li Malta għandha bżonn, aħna nittamaw li dawk il-kwantitajiet ta' ħxejjex bix-xaba' u dak in-nuqqas ta' ħxejjex li soltu jkollna ma 'tul l-istaġun għandhom jonqsu għall-aħħar.

**X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX IKOLLI 25 RATAL LAĦAM DARRANI FIS-SENA?**

**Għandi niftakar illi l-fniek jistgħu jinżammu fl-iċken bitħa jew ġnien u ż-żrameġ minn fenka waħda jistgħu jagħtuni millinqas 25 ratal ta' laħam sustanzjuż u bnin fis-sena, barra mis-soltu laħam tar-razzjon. Jien nista' nkun naf ukoll minn għand il-Konsultur tat-Trobbija tal-Fniek, il-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, dwar l-aħjar mezz biex inrabbi l-fniek kif ukoll dwar il-Proġett tal-Gvern għall-Fniek tar-Razza.**

Din is-sistema ta' kuntratti għall-kultivazzjoni ta' prodotti tar-raba' mal-Gvern hija ta' vantaġġ għall-bidwi fi żmien il-gwerra u, tista' tibqa' tkun ta' vantaġġ ukoll fi żmien il-paċi jekk din tibqa' sseħħ. Bosta bdiewa jaħsbu illi l-prezzijiet għolja tal-lum tal-ħaxix għad jibqgħu jseħħu għal bosta snin. Iżda iktarx li ma jkunx hekk, għaliex hekk kif oġġetti oħra ta' l-ikel jarġgħu jibdew jiġu minn barra, it-talba tal-ħaxix għandha tonqos kemm-il-darba l-prezzijiet ma jonqsux.

Il-bdiewa għandhom joffru ruħhom biex jikkuntrattaw mal-Gvern għall-kaboċċi mfelfla, iżda qabel ma jkun ħareġ "Il-Bidwi", iktarx li jkun hemm diġà numru biżżejjed ta' bdiewa li jkunu għamlu kuntratt għal dan il-prodott b'mod li jkun hemm biżżejjed biex wieħed jilħaq mat-talba ta' dan il-prodott. Dawk il-bdiewa li jixtiequ jikkultivaw kaboċċi mfelfla b'kuntratt huma mitlubin li jmorru jiftiehmu mal-pitkal li soltu miegħu jinneguzjaw il-biegħa tagħhom u jagħtu avviż li biħsiebhom jikkultivaw xi biċċa mir-raba' tagħhom bil-kaboċċi mfelfla. Fil-Qasam tal-Għammieri għad hemm xtieli għal bejgħ għal min irid iħawwel.

## Għażla ta' Patata taż-Żerriegħa

Ix-xita qawwija ta' barra mis-soltu li għamlet ma' tul ix-xahar ta' Mejju għamlet inqas ħsara milli stennejna. Il-patata li nżergħet miż-żerriegħa li tqassmet fl-aħħar—l-"Arran Banner" u l-"Up-to-Date" (*Kidnija*) — marret tajjeb u jmissha tagħti prodott sabiħ.

Qajla hemm għalfejn wieħed itenni l-parir li ilna nagħtu sabiex tinżara' biss dik il-patata minn xtieli b'saħħithom. Fil-patata li tqassmet fl-aħħar ta' l-"Up-to-Date" kien hemm ħafna xtieli mimsusin bil-marda tal-werqa mgeġħda —ix-xtieli jkunu dgħajfin u l-weraq mġeġħdin u mtebbgħin. Jekk wieħed għandu xi żerriegħa aħjar, tkun ħaġa tajba u tal-għaqal li ma jarfa' xejn miż-żerriegħa tal-"Up-to-Date" li tqassmet fl-aħħar. Jekk ma għandkomx ħażniet ta' patata aħjar, u, għalhekk, ikollkom tiżirgħu minnha, ħudu ħsieb li tagħżlu biss minn dik il-patata li ngabret minn xtieli b'saħħithom.

L-aħjar ħaġa li wieħed jagħżel iż-żerriegħa ta' dik il-patata fil-waqt li jkun qed jaqla', u mhux l-ewwel jaqla' l-*prodott kollu* u mbagħad jagħżel għaż-żrigħ il-patata ċkejkna. B'dan il-mod il-għażla tkun tista' ssir aħjar, għax fil-waqt li tkun qed taqla', forsi tkun taf jekk iż-żerriegħa tkunx ġejja minn xitla marida jew le, jiġifieri tkun tista' tiskarta dawk il-patatiet tagħha li jkunu *kollha* żgħar, u tagħżel biss dawk il-patatiet żgħar li jkunu tnisslu minn xtieli b'saħħithom, li biex tkun żgur tista' timmarkahom meta l-faxxina tkun għadha ma nixfitx.

Qatt ma hi ħaġa żejda li wieħed iwissi sabiex il-bidwi jew ġennien, huwa u jaqla' l-patata, ma jħallix imxerrda fl-art patata ċkejkna li ma tkunx saret jew patata mħassra. Dawn il-patatiet ma jservux ħlief biex iħajru l-farfett tas-susa ibejjet fuqhom u b'hekk iżidu l-ħsara. Qisu, għalhekk, li malli taqilgħu l-patata, ma tħallu xejn warajkom fl-art minn dik il-patata li tkunu qegħdin taqilgħu, u li taħżnu dik il-patata li għandkom tiżirgħu u, dik li tkun għall-bejgħ, tibgħatuha minnufih fil-Maħżen tal-Gbir tal-Patata.

## Biex tilqa' l-Mess tal-Ħxejjex tal-Kromb

Il-ħmiemel tal-kaboċċi, pastard u ġdur ikollhom bżonn min jieħu ħsiebhom ma' tul dawn ix-xhur. Id-dud tal-farfett abjad tal-kromb u berghud jistgħu jagħmlu ħafna ħsara, iżda jekk inti tbixxhom b'taħlita tas-sulfat tan-nikotina u Agral tkun tista' tnaqqas il-periklu ta' ħsara mhux ftit; tista' wkoll, qabel ma tħawwel, tgħaddas ix-xtieli f'taħlita tas-sulfat tan-nikotina jew tal-Pysect sabiex toqtol id-dud ċkejken tal-farfett abjad tal-kromb.

## Qlugħ ta' Xtieli għat-Taħwil.—Żrigħ ta' Basal

Ikun hemm bżonn ukoll li wieħed, qabel ma jaqla' x-xtieli għat-taħwil, isaqqi l-ħmiemel sabiex ix-xtieli jkunu jistgħu jinqalgħu, kemm jista' jkun, bl-għeruq sħaħ.

Bosta għelieqi tal-basal din is-sena fihom ħafna bont. Jekk wieħed ikun irid jarfa' xi basliet sabiex iħawwilhom fil-ħarifa u jkollu wiċċ ta' basal għaż-żrigħ għas-sena li ġejja, għandu jieħu ħsieb jagħżel u jarfa' biss dawk il-basliet li ma jidhrux li għandhom xeħta li dis-sena jissebblu.

# FRAK

## Għażla taż-Żerriegħa tal-Qamħ

Issa li wasal iż-żmien biex il-qamħ jinħasad u jindires, il-bidwi għandu wkoll jaħseb biex mill-wiċċ taż-żara' tal-qamħ jagħżel żerriegħa tajba. L-għażla tal-qmuħ għaż-żerriegħa għandha ssir bil-għaqal mill-isbaħ sbul waqt il-ħsad. Fil-għażla taż-żerriegħa minn kull sbula li jagħżel il-bidwi għandu jiskarta t-terz ta' fuq u t-terz ta' taħt u jżomm it-terz tan-nofs, u mhux jieħu xkora jew tnejn u jarfa' kemm jidhirlu mill-gozz ta' fuq l-andar.

## Għażla taż-Żerriegħa tal-Ħaxix

Iż-żerriegħa tal-qara' bagħli, qara' twil, ħjar, tadam, brinġiel u bżar għandek tiġborha billi tagħżel dejjem l-ewwel boton ta' fuq iz-zokk wara li tkun ħallejthom jixbgħu sewwa mill-omm. Meta tagħżel il-frott taż-żerriegħa u taqtgħu, nixxef iż-żerriegħa fl-irwieħ u mhux fix-xemx, imbagħad arfa' z-zerriegħa ġewwa boroż jew ċrienen tax-xoqqa u żommhom fl-umdu. Hekk ukoll għandek tagħmel għaż-żerriegħa tal-ful, u l-piżelli. Agħżel dejjem imżiewet sbieħ u twal u l-ewwel li joħorġu miz-zokk.

## It-Tuffieħ Tadam

Il-wiċċ tat-tuffieħ tadam din is-sena jipprometti li jkun abbundanti u mill-aħjar. Dan hu ta' ġid kbir lill-poplu għaliex it-tuffieħ tadam fih vitamini tliet darbiet daqs il-larinġ. Il-bdiewa jistgħu jgħinu ħafna biex dan il-prodott jasal tajjeb fis-suq billi jaqtgħuh malli jibda juri l-lewn — jiġifieri malli jibda jiħmar u mhux meta jiħmar sewwa. M'għandniex xi ngħidu, li t-tadam għandu jinqata' meta jibda jiħmar hi l-ordni li l-Gvern diġà ta, u din hi ta' ġid ukoll għalikom, għaliex it-tuffieħ tadam maqtugħ wieqaf isofri wisq inqas ħsara fit-trasport.

## AVVIŻI

**IL-GUDJA MAD-DISTRETT TAŻ-ŻEJTUN.** — Minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' dan ix-xahar, ir-raħal tal-Gudja beda jingħadd mad-Distrett taż-Żejtun tad-Dipartiment tal-Biedja u mhux mad-Distrett taż-Żurrieq kif kien qabel. L-indirizz ta' l-Uffiċċju Distrettwali tal-Biedja, iż-Żejtun, huwa 48, il-Misraħ tal-Knisja, u meta jkollhom bżonn, il-bdiewa tal-Gudja għandhom imorru f'dak l-Uffiċċju.

**KUNDANNI FUQ SERQ TA' PRODOTTI TAR-RABA' U HTIJIET OHRA KONTRA R-REGOLAMENTI TAL-BIEDJA.** — Ġużepp Sapian, "Ta' Berża", li joqgħod fin-Nru. 8, Sqaq 1, Trieq San Ġakbu, is-Siġġiewi, weħel £20 talli seraq il-pastard minn għalqa.

Wiġi Xerri, bidwi, "Il-Kajk", li joqgħod f'razzett, Trieq San Ġużepp, it-Trieq taż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, weħel £10, talli ma ikkunsinnax il-patata lill-Gvern. Barra minn dan, il-Bord għat-Twettiq tal-Biedja ordna l-kunfiska tal-patata.

Ġużeppa Xuereb, "Tal-Murtal", li toqgħod fin-Nru. 49, Trieq San Ġwann Battista, Tas-Sliema, weħlet £10 talli innegozja l-patata kontra l-liġi.

Ġorġ Briffa, "Ta' Valent", li joqgħod Sqaq Vati, Trieq Santa Katerina, Ħal Qormi, weħel £5 talli ikkunsinna fil-pitkalija ħaxix li ma kienx ippakkjat indaqs.

**BĊEJJEĊ BARRANIN** (Spare Parts) **GHALL-POMPI TAL-MUTUR.** — Dawk il-bdiewa li għandhom pompi tal-mutur għat-tisqija u għandhom bżonn ta' xi bċejjeċ barranin (*spare parts*) għall-makni jew pompi tagħhom għandhom jagħtu lista tal-bċejjeċ li għandhom bżonn lill-aġenti tal-muturi tagħhom. L-aġenti tal-pompi tal-muturi għandhom jiġbru minn għand il-parruċċani tagħhom l-informazzjonijiet tal-bċejjeċ (*spare parts*) li dawn għandhom bżonn għall-pompi tagħhom u għandhom jagħtu lista sħiħa bid-dettalji kollha tal-bċejjeċ meħtiġin lid-Direttur tal-Biedja, il-Ħamrun, mhux iżjed tard mit-30 ta' dan ix-xahar, sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn jinġiebu minn barra.

**POSTIJIET TAL-FNIEK TAR-RAZZA.** — Il-Mellieħa fin-Nru. 55, Trieq Franġisku Zahra nfetaħ Post ġdid tal-Fniek tar-Razza fejn jistgħu jittieħdu l-fenkiet biex jitgħammru, bla ħlas, mill-Fniek tal-Gvern tar-Razza l-Kbira hekk imsejħa "Flemish Giant".

B'hekk il-bdiewa tal-Mellieħa jiffrankaw li joqogħdu jmorru San Pawl il-Baħar sabiex igħammru l-fenkiet tagħhom minn fniek tar-razza pura.

In-numru ta' Postijiet tal-Fniek tar-Razza huwa issa b'kollox, 10 f'Malta u 3 f'Għawdex.

Sid il-fenka jew fniek, meta jiġi biex jiġbor il-fenka jew fniek tiegħu mill-Postijiet tal-Fniek tar-Razza, wara li l-fenka jew fenkiet ikunu tgħammru, ikun jista' jixtri ratlejn u nofs ikel imħallat tal-fniek bil-prezz ta' 1s.

**HSAD U ĠARR TA' QMUH U PRODOTTI OHRA.**— Il-bdiewa kienu ġew avżati biex jaħsdu u jġorru l-prodotti tagħhom ta' qmuħ mill-iktar fis sabiex ma tiġrilhomx xi ħsara b'xi ħruq jew xi bombi tal-għadu. Il-Militar immarka wkoll bosta għelieqi mal-Gżira kollha sabiex jużahom bħala depost għall-merkanzija, petrol, eċċ., jew bħala kampijiet ma' tul is-sajf li ġej u ħafna minn dawn l-għelieqi ma jdumux ma jkunu okkupati. Dawk il-prodotti ta' qmuħ li jibqgħu fl-għelieqi jista' għalhekk tiġrilhom ħafna ħsara kemm-il-darba ma jitneħħewx mill-iktar fis. L-art ta' madwar il-postijiet tal-kampijiet ikun hemm bżonnha sabiex wieħed jidħol fihom u dawk il-prodotti li ma jitneħħewx tista' tiġrilhom il-ħsara bil-mogħdija ta' l-inġenji tat-trasport jew tan-nies li jkunu jokkupaw dawn il-postijiet. Il-ħsara li ssir b'hekk tista' tkun wisq akbar minn dik li ssir bil-ħruq jew b'xi bombi jew tfigħ ta' esplosivi oħra mill-għadu u għalhekk nerġgħu nitolbu bil-ħrara kollha lill-bdiewa sabiex jaħsdu u jġorru l-prodotti tal-qmuħ tagħhom mill-għelieqi minnufih.

Il-bdiewa għandhom imorru fl-eqreb Uffiċċju tal-"Protection Office", l-Għassa tal-Pulizija jew f'Uffiċċju Distrettwali tal-Biedja sabiex ikunu jafu jekk il-post tagħhom għandux x'jaqsam ma l-għelieqi li semmejna. Dawk il-bdiewa li jinsabu fil-postijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-għelieqi u jixtiequ jkunu jafu jekk l-għeliqi tagħhom humiex sa jkunu okkupati mill-Militar għandhom imorru fl-eqreb Uffiċċju tal-Biedja tad-Distrett tagħhom.

**KONTROLL TAT-TGHAM TAL-PAJJIŻ.** — Infakkru lill-bdiewa fuq il-liġijiet li hemm dwar il-qamħ, ix-xgħir u maħlut. Dawn il-liġijiet igħidu hekk:— (1) Ħadd ma jista' jixtri, jbigħ, jagħti jew jikseb qamħ, xgħir jew maħlut sew midrus kemm qabel ma jindires. (2) Ħadd ma jista' jitma' qamħ, xgħir, jew maħlut lill-bhejjem mingħajr permess tad-Direttur tal-Biedja. (3) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' sensal tal-qamħ, xgħir jew maħlut mingħajr il-permess tad-Direttur tal-Biedja. (4) Kull bidwi għandu jieħu l-formula tal-kunsenna tal-qamħ, xgħir u maħlut. (5) Ħadd ma jista' jitħan qamħ, xgħir u maħlut sew fl-imtieħen kemm ukoll b'mezzi oħra. (6) Ħadd ma jista' jkollu jew jiddisponi jew jikseb dqieq magħmul minn qamħ, xgħir jew maħlut tal-pajjiż. (7) Malli toħroġ l-Ordni tad-Direttur tal-Biedja, kulħadd għandu jikkunsinna t-tgħam kollu ħlief il-kwantitajiet li jista' jżomm għaż-żrigħ u għall-bhejjem tax-xogħol skond il-formula tal-kunsinna. (8) Kull bidwi li jikser dawn ir-Regolamenti jista' jeħel minn £50 sa £500. Għal kull bniedem ieħor li mhux bidwi, hemm piena wkoll ta' xahrejn sa sentejn ħabs.

**KUNTRATTI GHAT-TADAM.** — Id-Dipartiment tal-Biedja qiegħed issa joffri wkoll kuntratti għall-pastard, u l-bdiewa huma għalhekk mitlubin sabiex imorru għand il-pitkali tagħhom u jitolbu l-formula tas-soltu. Prezzijiet: Minn Novembru sa Jannar, 1s. il-wiżna; minn Frar sa Marzu, 1s. 4d. il-wiżna; April, 1s. 6d. il-wiżna. Il-bdiewa li jiffirmaw kuntratti għall-appalt ta' pastard ikollhom il-jedd jixtru 30 ratal sulfat ta' l-ammonja għal kull tomna raba' li għaliha jikkuntrattaw.

---

*KORRISPONDENZA*

## IL-BUDEBBUS

Ix-Xagħra, Għawdex, it-30 ta' Mejju, 1943.

Sur Editur,

Kif kulħadd jaf il-Għawdxin huma l-aktar nies imsemmija għall ħidma ta' l art. Ir-raba' ta' din il-Gżira jgħaxxaq lil dawk kollha li jarawh iżda, jisgħobbina ngħidu, ċerti drawwiet trid wisq biex taqlagħhom minn xi rjus tal-bdiewa għax dawn huma l-aktar nies konservattivi li jgħixu f'kull naħa tad-dinja.

Bħalissa nqalgħu l-imżiewet kollha, kemm dawk li kienu għall-aħdar u l-biċċa l-kbira dawk li kienu għanniexef. Fuq il-ħitan, fil-mogħdijiet u fit-triqat ma tilmaħx ħlief il-misħuta xitla tal-budebbusa, imwaddba għad-doċċ 'l hawn u 'l hemm, u billi l-budebbusa din is-sena ħakmet ħafna, ix-xitla tagħha tidher aktar mis-soltu.

Daqqiet il-bidwi jaf igerger biss, mingħajr ma jisma' minn dawk li jkunu qed jaħdmu biex jifthulu għajnejh. Għalxejn wieħed igħidilhom li jekk il-budebbus ma jinqeridx malli tidher, jew tinħaraq, is-sena ta' wara tidher aktar bir-radam. It-tweġiba aktarx tkun "missieri qatt ma għamel hekk", u bi ħsara l-aktar kbira għall-għelieqi tiegħu u ta' ġaru, iħalli lil din ix-xitla parassita ixxerred iż-żerriegħa tagħha ma' kullimkien.

Meta wieħed jara li għal ċerti bdiewa ma hemmx irmedju ikun jinħtieġ li jittieħdu passi iebsa għall-ġid tal-prodott u ta' dawk il-bdiewa li b'inkejja ta' dawk li jisimgħu u jaħdmu bir-reqqa u joqogħdu għat-tagħrif u t-twissijiet ta' fejda, qed jiltaqtu fil-laħam il-ħaj bit-traskuraġni ta' xi wħud minn sħabhom.

Imissu fejn jintlemaħ raba' miżrugħ bl-imżiewet, bil-piżelli eċċ. u f'nofsu tintlemaħ issaltan il-budebbusa, sid dak ir-raba' għandu jiġi mġiegħel bilfors jew li jqaċċat il-budebbusa, jew jiġi mwaħħal tal-ħsara li jkun qed jagħmel.

Billi l-missier u nannu kienu jagħmlu ħaġa, din il-ħaġa ma għandhiex dejjem tgħodd li kienet tajba.

J. ORLANDO SMITH,
*Uffiċjal Distrettwali tal-Biedja.*